# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 30 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 1**

**Rikors Numru 198/19/2 TA**

**George Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta` u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' George Degiorgio tat-22 ta' Ottubru 2019;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Ottubru 2019;

Rat ir-risposta ta' Dr. Peter Caruana Galizia u oħrajn tal-25 ta' Ottubru 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati Awtoritajiet tat-28 ta' Ottubru 2019;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

**Ikkunsidrat**

Indipendentement mill-eżitu ta' dan id-digriet u sabiex jigi karifikat punt ta' proċedura, il-Qorti tibda biex tirrileva, li d-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2019 huwa wieħed interlokutorju. Iżda huwa digriet, li ma jaħsibx biex jirregola l-andament tal-kawża li hemm quddiem din il-Qorti ta' natura Kostituzzjonali bin-numru 198/2019. Anzi, huwa digriet, li jirrigwarda mhux il-waqfien ta' dawn il-proċeduri, iżda biex jieqfu proċeduri kriminali estraneji għall-istess. Għalhekk, biex din il-Qorti tiċċara s-sitwazzjoni, kwalunkwe appell li jista' jsir minn dan id-digriet ma jwaqqafx il-proċeduri ta' din il-kawża, għaliex mhux wieħed minn dawk id-digrieti maħsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proċeduri quddiemha (ara **Sentenza Paul Tanti -vs- Sammy Sammut tad-19 ta' Novembru 2001**). Dan ġie ukoll rikonoxxut mid-difensur tal-imsemmi George Degiorgio fit-trattazzjoni tiegħu meta ssottometta f'dan is-sens. Il-Qorti qed tagħmel din l-osservazzjoni fid-dawl tal-preokkupazzjoni ġusta li wera l-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni tiegħu dwar jekk f'każ ta' appell jiġux ostakolati il-proċeduri fis-smiegħ tar-rikors kostituzzjonali fuq imsemmi.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-kwistjoni li għandha quddiemha. Tqis, li x-xorta ta' *ad interim order* li jitratta materja pjuttost insolita anke jekk ma

hijiex waħda minn dawk li taqa' fil-kategoriji ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali skont il-ġurisprudenza msemmija fid-digriet tas-16 ta' Ottubru 2019. Għalkemm huwa minnu li *ad interim order* jingħata f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali u dan kif diġa' kellha opportunita' tesprimi din il-Qorti fid-digriet tagħha, dan ma jfissirx li jekk dan jiġi miċħud minn Qorti ta' Prim Istanza, jagħmilha awtomatikament aktar diffiċli biex isir appell minnu, aktar u aktar meta ċ-ċirkostanzi u l-mertu ma jkunx wieħed minn dawk li dawn il-Qrati ordinarjament u solitament jiltaqgħu magħhom.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, li fid-digriet tagħha tas-16 ta' Ottubru 2019 qanqlet punt, li għalkemm kienet pjenament fid-dritt tagħha li tagħmlu u għamlitu b'konvinzjoni, huwa minnu ukoll, li ħadd mill-partijiet ma ssottometta dwaru għaliex sal-mument tat-trattazzjoni ma tqanqal minn ebda parti.  Ghalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tħoss li jkun aħjar u ġust li kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Għaldaqstant din il-Qorti, għar-raġunijiet imsemmija qegħdha tilqa' t-talba kif mitluba fir-rikors ta' Alfred Degiorgio tat-22 ta' Ottubru 2019.

Spejjes riservati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**